MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 6/2006

**Angele Calleja u r-ragel Claude Calleja ghal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**Philip Abela u s-socjeta` Ph. Abela & Sons Ltd. *in solidum***

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' April, 2006, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fis-16 ta' Mejju 2005 fejn ir-Rikorrenti talbet danni ta' elf u erba' mija u disgha u sittin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,496.85) rapprezentanti

spejjez ta' installazzjoni ta' magna minn petrol ghal diesel li minkejja li sar dan ix-xoghol, il-karozza baqghet bi problemi serji.

L-intimati ma pprezentawx Risposta ghal din it-talba u lanqas attendew ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti nefqet vicin elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) sabiex issir konversjoni fil-magna tal-karozza taghha minn petrol ghal diesel. Minkejja li l-intimati ghamlu dan ix-xoghol, il-karozza baqghet bil-problemi.

2. L-intimati la ssottometta Risposta u lanqas attendew ghas-seduti minkejja li kienu notifikati.

3. It-Tribunal wara li sema' lir-Rikorrenti jinnota li hija kredibbli.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-Rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' elf u erba' mija u disgha u sittin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,496.85) bl-ispejjez kontra l-istess intimat."

L-obbjezzjoni tal-konvenuti kontra din is-sentenza hi li t-Tribunal mar kontra d-dettami ta' gustizzja naturali meta ma kienx ottemperat kif imiss id-dispost ta' l-Artikolu 187 (3) tal-Kapitolu 12 u huma ma gewx akkordati l-opportunita` li jiddefendu l-kaz taghhom kontra l-pretensjoni ta' l-atturi;

Minn naha taghhom l-atturi jirribattu illi gjaladarba l-appellanti kienu debitament notifikati qabel is-sentenza u

l-procedura tan-notifika saret kif trid il-ligi, l-allegazzjoni ta' ksur tal-principju tal-gustizzja naturali hi infondata. Fl-istess twegiba taghhom l-atturi ssollevaw appell incidentali billi hassewhom aggravati li l-kundanna kienet riferibbli ghall-"intimat" u mhux ghat-tnejn li huma;

Ghal dak li hu l-*iter* tal-proceduri quddiem it-Tribunal jirrizulta mill-atti dan li gej:-

(1) Il-kaz sottomess mill-atturi appellati gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta' Settembru 2005;

(2) F' din l-ewwel seduta l-atturi talbu u ottenew mit-Tribunal l-awtorizzazzjoni li n-notifika ta' l-att promotur lill-konvenuti ssir bil-procedura ta' l-affissjoni. Il-kawza giet imhollija ghall-1 ta' Novembru 2005;

(3) Fil-verbal ta' din is-seduta jinghad li "l-intimat ma deherx minkejja li kien notifikat" u l-kawza giet iddifferita ghas-17 ta' Novembru 2005 ghall-provi fuq il-kaz;

(4) F' din is-seduta t-Tribunal intalab li l-intimat, nonostante l-verbal precedenti, kien ghadu ma giex notifikat u ghadda biex awtorizza li ssir il-pubblikazzjoni ta' l-att fil-Gazzetta tal-Gvern u f' gurnal lokali. Jirrizulta li digriet f' dan l-istess sens inghata mit-Tribunal fit-2 ta' Frar 2006;

(5) L-atti juru li l-pubblikazzjonijiet fil-Gazzetta tal-Gvern u f' gurnal lokali saru fis-7 ta' Frar 2006 u 20 ta' Jannar 2006 rispettivament;

(6) Fis-seduta tad-9 ta' Frar 2006 gie registrat il-verbal illi l-intimat ma deherx minkejja li kien notifikat u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta' Marzu 2006. Effettivament, din is-sentenza nghatat fil-25 ta' April 2006;

Premessa din is-sekwela tal-procediment quddiem it-Tribunal jokkorri li l-Qorti tezamina jekk hijiex konfigurabbli l-ipotesi tal-lezjoni tal-principju *audi alteram partem*, kif hekk qed jippretendu l-appellanti, jew jekk din il-lanjanza taghhom hijiex merament pretest biex tigi intralcjata l-ezegwibilita` tad-decizjoni, kif hekk apparentement kontez mill-appellati. L-ezercizzju ta’ din l-indagni jirrikjedi necessarjament interpretazzjoni ta’ l-Artikolu 187 (3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u ta’ certi provvedimenti ta’ l-Att ta’ l-1994 dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kapitolu 378);

Jinsab provvdut bl-artikolu imsemmi tal-Kapitolu 12 illi fejn id-dhul fil-lok fejn toqghod il-persuna notifikanda li tinsab Malta ma jkunx jista’ jsir jew il-lok tad-dar taghha ma jkunx maghruf, allura f’ kaz bhal dan, il-Qorti ghandha l-fakolta li tordna li n-notifika ssir:

(1) “billi titwahhal kopja ta’ l-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficcjali”

<u>u</u> (2) billi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta u f’ gurnal ta’ kuljum wiehed jew iktar minn wiehed skond kif il-qorti tiddeciedi”;

In mertu ghal dan riportat l-Imhallef sedenti gja kellu okkazjoni jikkummenta illi “una volta l-Qorti taderixxi mat-talba konducenti ghan-notifika ta’ l-att bl-affissjoni, imbaghad jinkombi li l-formalita` shiha tad-dispost tal-ligi msemmi tigi segwita u ezegwita. Dan, fil-fehma ta’ din il-Qorti, hu di rigore, tant li jiddistingwi t-test tal-ligi fl-istat attwali taghha minn dak li kien precedentement qabel l-emendi ntrodotti ghall-Kodici bl-Att XXIV ta’ l-1995. Fejn qabel kellek l-ghazla bil-fatt tal-preposizzjoni ‘jew’ illum l-uzu tal-konguntiv ‘u’ elimina l-alternattiva u rrenda tassattiv kemm it-twahhil ta’ l-att fil-post indikat kif ukoll il-pubbikazzjoni ta’ estratt ta’ l-att”. Ara “**Francis *sive* Frank Fenech -vs- Raymond Mallia *nomine***”, 28 ta’ April 2003 u “**Mario Tonna -vs- Holland u Hallett Limited**”, 27 ta’ Gunju 2003, it-tnejn decizi mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili;

Oltre dan, gie senjalat ukoll mill-Qorti ta' l-Appell superjuri illi “ma dawn it-tliet rekwiziti ghan-notifika valida permezz ta’ din il-procedura kellu jizdied rekwizit iehor, ukoll mehtieg *ad validitatem*, ‘meta jkun possibbli jekk il-post ta’ residenza jkun maghruf’, illi titwahhal kopja ta’ l-iskrittura jew att mal-bieb ta’ dik ir-residenza. Jekk ma jigix provat illi jkun sar dak li l-ligi tesigi bhala minimu ghal notifika valida fit-termini tas-subinciz 3 ta’ l-Artikolu 187, tali notifika kellha titqies li kienet irritwali u bla effett fil-ligi” (“**Three Barrels Limited -vs- Joan Schembri *nomine***”, 13 ta’ Lulju 2001);

Trasportat dan li nghad ghall-fattispeci tal-kaz in ezami jirrizulta illi filwaqt li gew osservati t-tliet rekwiziti tat-twahhil ta’ l-att fil-Kunsill Lokali u fl-Ghassa distrettwali, tal-pubblikazzjoni ta’ sunt ta’ l-att fil-Gazzetta tal-Gvern u dik f’ gurnal ta’ kuljum, mhux l-istess jista’ jinghad fir-rigward tat-twahhil ta’ kopja ta’ l-istess att mal-bieb tar-residenza ta’ l-appellanti. Dan hu hekk evidenti mir-riferti tal-Marixxal ezekutant *a tergo* ta’ l-Avviz ta’ seduta (fol. 9), tant li dan jirregistra li hu ma sabx il-fond bl-isem indikat. Mhux dan biss pero`. Jirrizulta wkoll mill-istess riferti illi ma sar l-ebda tentattiv ta’ notifikazzjoni bl-istess metodu ta’ l-affissjoni lis-socjeta` mharrka Ph. Abela & Sons Ltd, anke ghaliex l-Avviz mahrug jindika biss lill-imharrek Philip Abela u mhux ukoll lill-kumpanija msemmija;

Issa huwa veru li skond is-subinciz (3) ta’ l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 378 “ebda procediment quddiem tribunal ma jkun invalidu minhabba f’ nuqqas ta’ tharis ta’ xi formalita` sakemm wiehed ikun mexa b’ mod konformi kemm jista’ jkun mar-regoli”. Ciononostante, fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, din l-eskluzjoni li taghmel il-ligi ma tistax, u ma ghandhiex, tkun komprensiva tan-nuqqas tat-tharis kif imiss tan-notifika ta’ l-att promotur li jintroduci l-azzjoni, in kwantu ma jidherx li hu accettabbli, skond l-esigenzi tal-ligi u tad-dettami tar-regola fundamentali tal-gustizzja naturali - sostrat baziku fil-procedimenti quddiem it-Tribunal adit - illi l-kawza titmexxa ‘l quddiem minghajr it-

tharis u r-rispett tal-kontradittorju. Bi kliem misluf mis-sentenza in re “**Maltacom plc -vs- Carmel Muscat *et***”, Appell Inferjuri, 14 ta’ Gunju 2001, trattasi wkoll ta’ kwestjoni taht l-Artikolu 187 (3) tal-Kapitolu, “dan, din il-Qorti mhix pronta tippermettih ghaliex tkun qed tikkondona mod kif jigi evitat dak li l-procedura f’ materja ta’ ordni pubbliku tirrikjedi *ad unguem*”;

Jikkonsegwi illi t-Tribunal ma setax guridikament jikkonkludi li l-konvenuti, b’ dik il-procedura, kienu debitament notifikati u li kwindi hu seta’ jiddifferixxi l-kaz ghas-sentenza u jiddecidih fuq il-premessa illi “l-intimati ma ssottomettewx risposta u ma attendewx ghas-seduti”. Jikkonsegwi wkoll allura illi l-procediment kollu kien inficjat u s-sentenza appellata, meta l-avviz ma kienx validament notifikat, tigi annullata. Huwa l-kaz ukoll illi l-atti jigu rimandati lura lit-Tribunal biex qabel xejn jigi assikurat illi n-notifika ssir skond kif titlob il-ligi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata. L-atti qed jigu rinvijati lura lit-Tribunal biex dan jipprocedi bis-smigh tal-kaz wara li l-att promotur ta’ l-avviz ikun ritwalment notifikat liz-zewg appellanti skond il-ligi. L-ispejjez ta’ dan l-incident jibqghu, fic-cirkustanzi, bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------